MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Appell Kriminali Numru. 474/2011

Appell Nru: 474/2011
Il-Pulizija
vs
Michael Ellul Sullivan

Illum 18 ta’ Gunju, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Michael Ellul Sullivan, [detentur tal-karta tal-identita` numru 495076 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. Fuq talba ta’ l-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol gie akkuzat li bhala l-propjetarju u lijent li ghalih qieghed isir xpoghol fis-sit tal-kostruzzjoni li jinsab f’San Salvoatore, Triq San Mikiel, San Giljan nhar il- 25 ta’ Awissu, 2010, matul il-gurnata u/jew fil-granet ta’ qabel naqas milli jahtar supervisor ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta’ A.L. 281/2004 (S.L. 424.29)
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jzomm files dwar sahha u sigurta` u kull

informazzjoni ohra relevanti dwar is-sahha u s-sigurta`, u tqieghdhom ghad-disposizzjoni ta’ kull min ikun irid jispezzjonhom u li jkun jinhtieg l-informazzjoni mill-file biex ihares kull obbligazzjoni li tohrog mil-ligi u dan ai termini tal-A.L> 281/2004 (S.L. 424.29).

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jikkomunika avviz bil-quddiem lill-Awtorita` ta’ l-anqas erba` gimghat kalendarji qabel ma jibda x-xoghol. Galadarba jibda xi attivita` ta’ xoghol fuq il-progett, kopja ta’ l-avviz bil-quddiem ghandha tkun esposta b’mod car fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk ikun hemm bzonn din ghandha tkun aggornata perjodikament u dan ai termini ta’ l-A.L. 281/2004 (S.L.424.29).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Novembru, 2011, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 3(1), 3(2) u 4(1) tal-Avviz Legali 281/2004 S.L. 424.29 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tat-tieni (2) akkuza u ikkundannatu multa ta’ erba` mija u sitta u sittin Ewro (€466.00). Ma sabitux hati ta’ l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi u ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Michael Ellul Sullivan pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-14 ta’ Novembru, 2011 li bih talab lil din il-Qorti tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn dina sabet li l-appellant ma kienx hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonjiet dedotti kontrih, thassar u tirrevoka s-sentenza ta’ htija in rigward tat-tieni imputazzjoni u ghalhekk tillibera lill-imputat minn kull piena u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Michael Ellul Sullivan li huma is-segwenti:

L-Ewwel Aggravju:

L-appellant kellu jigi liberat mit-tieni akkuza migjuba kontrih ghaliex fil-fatt, huwa mhuwiex hati ta’ dak li gie mixli dwaru permezz tal-istess tieni akkuza.

It-tieni akkuza hija msejjsa fuq is-subregolaemnt 3(2) tal-Avviz Legali 281/2004 – ghalkemm is-subregolament mhuwiex riprodott fedelment fit-tahrika u jezistu (kif ser jirrizulta fit-tielet aggravju) divergenzi bejn it-tahrika li giet notifikata lill-imputat u dik li nghatat lill-Magistrat.

Is-subregolament 3(2) tal-Avviz Legali 281/2004 jaqra hekk:
*(2) Klijent huwa fid-dmir li jzomm files dwar sahha u sigruta` mhejjija skond ir-regolament 4 u kull informazzjoni ohra rilevanti dwar is-sahha u s-sigurta`, u jiqeghdhom ghad-dispozizzjoni ta' kull min ikun irid jispezzjonhom u li jkun jinhtieg informazzjoni mill-file biex ihares kull obbligu li johrog mill-ligi.*
Is-subartikolu 3(2) huwa intrinsikament u interament marbut mas-subartikolu 4(1), illi jikkwalifka ruhu immedjatament fis-sens illi:
***4.*** *(1) Fil kaz ta' siti ta' kostruzzjoni li fuqhom ix-xogħol ikun skedat li jdum aktar minn 30 jum tax-xogħol u li fuqhom ikun hemm jaħdmu aktar minn 20 ħaddiem fl-istess ħin, jew li fuqhom il-volum tax-xogħol huwa skedat li jeççedi l-500 gurnata xogħol ta' persuna, is-supervisor tal-proġett għandu ikkomunika avviż bil-quddiem miktub skond l-Iskeda III lill-Awtorità ta' l-anqas erba' ġimgħat kalendarji qabel ma jibda x-xogħol. Ġaladarba tibda xi attività ta' xogħol fuq il-proġett, kopja ta' l-avviż bil-quddiem għandha tkun esposta b'mod çar fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk ikun hemm bżonn din għandha tkun aġġornata perjodikament.*

L-espoennti gie mixli dwar dan is-subregolament (4.1), u gie liberat. Ma kien hemm qatt jahdmu aktar minn ghoxrin haddiem fl-istess hin u ix-xoghol ma kienx skedat li jeccedi l-hames mitt gurnata ta' persuna. Dan ma kienx il-kaz u ghalhekk huwa gie liberat. Allura huwa, la ma kienx obbligat (ghax is-sitwazzjoni kwantitiament ma kienitx torbtu bl-obbligi ta' tali subregolament 3(2)), isegwi wkoll illi huwa ma jistaċ bl-ebda mod jinstab hati ai termini tas-subregolement 3(2) hawn fuq riportat. Ma ghandux obbligu li jhejji l-files skond l-artikolu 4 ghaliex dana semplicement ma japplikax ghalih.
U is-subregolament 3(2) kollu, mhux l-ewwel parti tieghu biss, huwa marbut intrinsikament mas-subregolament 4(1), tant huwa hekk illi fl-ahhar tas-subregolament 3(2) jergaċ jissemma' l-file mill-files imsemmija fil-bidu tal-istess subartikolu.
U qabel is-subregolament 3(2), il-kliem file jew files imkien ma jissemmew fl-avviz legali.

Allura huwa bil-wisq car illi, bil-mod kif inhuma stilati dawn iz-zewg regolamenti, persuna li ma tinstabx hatja taht is-subregolament 4(1), minhabba dak il-fatt biss, ma tistax tinsab htija taht is-subregolament 3(2).
Jidher ukoll (specjalment mill-izbalji fit-test bil-Malti tas-subregolament 3(2), illi dan is-subregolament originarjament inkiteb bl-inglis u li dan gie imbghad tradott ghall-Malti, u mhux vice versa.
Issa l-verzjoni bl-ingliz tas-subregolament 3(2) taqra hekk :-
*(2) It shall be the duty of a client to keep and make available any health and safety files prepared in accordance with regulation 4 and any other relevant information regarding health and safety, for inspection by any person who may need information in the file for the purpose of compliance with any statutory obligations.*

Id-dmir ghalhekk huwa li tinzamm id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni ai termini tar-regolament 4 (jekk dan ikun japplika ghall-kaz) ghal ispezzjoni ghal kull persuna li jkollha bzonn tali informazzjoni fil-file (dak il-file li ghandu jigi kompilat fil-kaz fejn ikun applikabbli ir-regolament 4) sabiex jekk ikun hemm bzonn li xi hadd jirreferi ghall-istess file, huwa jsibu aggornat.

F’ kull kaz, iz-zewg xhieda prodotti mill-Awtorita’ it-tnejn xehdu illi l-esponenti kkollabora maghhom hafna u tahom prattikament kulma talbuh. Huma xehdu illi kienet inghatat lill-Awtorita dokumentazzjoni mill-esponenti imma li din id-dokumentazzjoni ma kienux gabuha maghhom ghas-seduta. L-esponenti xehed illi ghaddielhom id-dokumentazzjoni mitluba.

Barra minn hekk, l-istess xheida imkien u qatt ma semmew bl-ebda mod illi l-esponenti ma tax kull informazzjoni relevanit, anzi inghad illi kkollabora hafna dwar kull informazzjoni illi ntalbet.

Sfortunatament minhabba l-fatt illi x-xhieda quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma jidhirx li hija migbura b’ recordina, il-kontenut tax-xhieda ma tistax tigi mixtarra, imma certament illi x-xhieda jekk din l-Onorabbli Qorti

joghgobha terga tismaghhom, wiehed jemmend illi sejrin jikkonfermaw dan kollu.

Ghar-ragunijiet fuq idikati ghalhekk l-appell tal-esponenti ghandu jintlaqa'.

It-Tieni Aggravju

Dan l-aggravju huwa fis-sens illi t-tahrika ma tinkludix l-indirizz tal-fond li kienu that ir-responsabbilita tal-esponenti, u li dwarhom l-esponenti gie akkuzat. It-tahrika tinkludi biss il-kliem "San Salvatore, Triq San Mikiel, San Giljan". San Salvatore huwa block ta' appartament. Misshom fil-fatt tnizzlu n-numri 7/8, u dan in-nuqqas huwa wiehed krucjali ghall-finijiet ta' procedura.

Ai termini tas-subartikolu 360(1) tal-Kap IX,

*(2) Ic-citazzjoni ghhandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikulitarijiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.*

Certament illi l-partikularita ta' lok ma gietx indikata b'mod ezawrjenti u sufficjenti fit-tahrika u dana kellu u ghandu jwassal ukoll ghal-liberazzjoni tal-esponenti.

It-Tielet Aggravju

It-tielet u l-ahhar aggravju huwa fis-sens illi t-tahrika li inghata lill-akkuzat mhijiex l-istess bhal dik illi inghatat lill-Onorabbli Magistrat.

Id-differenzi jistghu jigu kjarament raffrontati komparazzjoni tad-dokumenti annessi:-

Dokument X – kopja tat-tahrika li giet notifikata lill-imputat;

Dokument Y – kopja tat-tahrika li l-Magistrat kiteb is-sentenza fuqha waqt is-seduta.

Minn raffront taz-zewg dokumenti huwa evidenti hafna illi fil-verzjoni moghtija lill-Qorti huma eliminate ir-referenzi gahs-subregolamenti specifici li fuqhom huma msejjsin l-akkuzi.

Il-verzjoni moghtija lill-Onorabbli Qorti, fil-fatt, ma tinkludix il-kliem:

*'ta' l-artikolu 3(1)'* fl-akkuza numru 1;

*'ta' l-artikolu 3(2)'* fl-akkuza numru 2;

*'ta' l-artikolu 4(1)'* fl-akkuza numru 3;

Issa l-Qorti ghandha tiddeciedi skond l-akkuza migjuba kontra l-imputat u huwa jekk xejn dritt sagrosant tal-imputat illi jkun jaf ezatt minn xiex qieghed jigi akkuzat u certament huwa dritt tieghu illi t-tahrika li tinghata lill-Magistrat li ser jiddeciedi l-kawza u dik li tinghata lilu ikunu assolutament identitici.
Anki jekk dana seta' gara bi zball, dan li gara huwa certament ta' pregudizzju lill-appellant li ma kienx imqieghed f'posizzjoni li jkun jaf ezatt x' kien ser jigi mixli dwaru quddiem il-Magistrat – ghaliex ma kellux opportunita' li jara t-tahrika hekk kif kienet stilata (dik li inghatat lill-Qorti).
Ic-citazzjoni, li ghandha tkun konfezzjonata skond ma jiddisponi is-subartikolu 360(2) tal-Kap IX, ghandha tigi notifikata lill-imputat ai termini tal-artikoli 361 *et sequitur* tal-istess Kap.
U l-Qorti trid tiddeciedi ai termini tal-istess citazzjoni. Mhuex verzjoni ohra.
Dan in-nuqqas, kjarament raffrontabbli minn riskontur bejn iz-zewg verzjonijiet tat-tahrika (dik li inghatat lill-imputat u dik li inghatat lill-Magistrat) ghandu wkoll iwassal ghall-akkoljiment tal-appell fis-sens illi in-non-identiticita ta' dawn iz-zewg dokumenti ghandha twassal ghal-liberazzjoni tal-esponenti.

Ikkunsidrat,

Jirrizulta mill-provi illi l-appellant huwa propjetarju ta' fondi 7/8 San Salvatore, Triq San Mikiel, San Giljan. F'Awwissu 2010 ikkommissjona xogholijiet varji fuq dan il-fond li kien jinkludi bini ta' appartament gdid fuq l-arja. Fil-25 ta'Awwissu, 2010 gara ncident fejn haddiem waqa' tliet sulari minn sky light illi kien espost u mhux kostudit. Id-dipartiment tas-Sahha u Sigurta baqghat l-ispetturi tieghu David Saliba u Charles Micallef sabiex jispezzjonaw dan il-fond u sabu certa nuqqasijiet illi wasslu sabiex l-appellant jigi mharrek il-Qorti u jwiegeb ghall-akkuzi li jirrigwardjaw nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tas-sahha u sigurta.

B'Sentenza tat 2 ta' Novembru, 2011 il-Qorti tal-Magistrat sabitu hati tat-tieni imputazzjoni biss u lliberatu mill-ewwel u t-tielet imputazzjoni. L-appellant hassu aggravat minn din is-Sentenza u talab li jigi liberat ukoll mit-tieni mputazzjoni ghax dehrelu li s-sub Regolament 3 (2) ta' l-Avviz Legali 281/2004 ma kellux japplika ghalih peress li dan huwa abbinat ma l-Artiklu 4 (1) ta' l-istess avviz legali illi jitratta ta' xogholijiet illi fuqhom ikunu qeghdin jahdmu aktar minn 20 haddiem fl-istess hin u l-volum tax-xoghol skedat li jeccedi l-500 gurnata xoghol ta' persuna. Ilmenta wkoll fit-tieni agravju illi t-tahrika ma tikludix l-indirizz tal-fond li kienu taht ir-responsabilta ta' l-appellant u li dwarhom gie akkuzat. It-tahrika tinkludi biss il-kliem "San Salvatore, Triq San Mikiel , San Giljan." San Salvatore huwa blokk ta' appartamenti. L-appellant allega illi misshom fil-fatt tnizlu n-numri 7/8 u dan in-nuqqas kellu jwassal ghal- liberazzjoni ta' l-appellant. Kien hemm ukoll it-tielet agravju li dana gie deciz minn din il-Qorti separatament fil-11 ta' Ottubru, 2012.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti l-ewwel trid tiddisponi mit-tieni agravju ta' l-appellant dwar in-nuqqas ta' numri illi jidentifikaw il-fond illi tieghu ghandu r-responsabilta l-appellant. Din il-Qorti jidhrilha li l-fatt li ma tnizlux in-numri ma jwassal ghall-ebda konsegwenza, la ghac-citazzjoni u lanqas ghad-decizjoni tal-Magistrat. Fis-Sentenza in parte taghha tal-11 ta' Ottubru, 2012 din il-Qorti dahlet ukoll f'din il-kwistjoni u qalet l-Artiklu 360 (2) tal-Kodici Kriminali

jirrikjedi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharka, izda ma tispecifikax x'dettalji ghandhom jinghataw. Jekk xi dettalji jithallew barra dan bl-ebda mod ma ggib in-nullita tac-citazzjoni anke jekk xi dettalji jkunu zbaljati, jekk il-persuna ndikata effettivament tidher quddiem il-Qorti wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni u cioe' li sservi ta' "avvizo a comparire" tkun giet ezawrita (Il-Pulizija vs Benny Zaffareze et 13 ta' Jannar, 1995), f'dan il-kaz ic-citazzjoni ssemmi sit ta' kostruzzjoni li jinsab f'San Salvatore, Triq San Mikiel, San Giljan.

Din il-Qorti jidhrilha dina hija indikazzjoni cara bizzejjed sabiex l-appellant ikun jaf bizzejjed ghal xiex ghandu jwiegeb u billi thallew barra xi numri ma jfissirx li b'daqshekk tkun vizzjata l-komparixxi. Dina qieghda konformi ma l-Artiklu 360 (1) tal-Kap 9 u ghalhekk m'hemmx aktar xi nghid hlief il-Qorti diddisponi mit-tieni agravju ta' l-appellant. Ghal dak li jirrigwardja l-ewwel agravju l-appellant qieghed jilmenta illi r-rekwizit li jzomm files dwar is-Sahha u Sigurta ma jghoddx ghalih, dana 'l ghaliex ma kienx hemm 20 haddiem jahdmu fl-istess hin u x-xoghol ma kienx ser jaccedi l-500 gurnata xoghol ta' persuna.

Ikkunsidrat.

Irrizulta li meta saret l-ispezzjoni minn David Saliba u Charles Micallef kien hemm tliet haddiema jahdmu fuq is-sit li kien bini ta' appartament fuq l-arja tal-fond. Dan is-sit jaqa' nettament taht id-defenizzjoni tal-kelma "kostruzzjoni" li fi kwalunkwe kaz skont il-Ligi hija wiesgha hafna. Fix-xhieda tieghu illi ta quddiem il-Qorti David Saliba qal illi kemm l-appellant kif ukoll il-perit kienu qalulu illi x-xoghol ma kienx ha jiehu iktar minn 500 gurnata u ghalhekk skont huma ma kellhomx ghalfejn izommu dawn il-files u jinnotifidaw lid-dipartiment.

Ikkunsidrat.

Jibda' biex ninghad illi meta l-ligi ssemmi 500 gurnata xoghol ta' persuna dawn il-500 gurnata ghandhom jinkludu l-kompletament tax-xogholijiet kollha u l-post ikun lest ghall-abitazzjoni. Ma jfissirx it-tqieghid tal-gebla biss, ix-xoghol ma jkunx kompletat biss gebel u saqaf peress li hemm hafna snajja ohra x'ikunu nvoluti wara dan u dawn ukoll jistghu jkunu suggeti ghal-perikli illi r-regolamenti tal-Health and Safety ikunu jrigu jevitaw. Jista jkun pero' illi kif qal l-appellant, qatt ma kien hemm 20 haddiem fl-istess hin jahdmu fil-fond, dana pero' ma jfissirx illi b'daqshekk mhuwiex obbligat illi jzomm il-files skont l-Artiklu 3 (2) ta' l-Avviz Legali 281/2004. Meta dan l-avviz jirreferi ghal-Regulament 4 fl-istess Avviz Legali dana jaghmlu biex ikompli jitfa l-piz fuq il-Project Manager illi jekk il-kundizzjonijiet ta' Regulament 4 jissustixxu allura ghandu jikkomunika avviz bil-quddiem skont l-Iskeda 3 lill-Awtorita ta' l-anqas erba' gimghat kalendarji qabel ma jibda x-xoghol. Galadarba tibda xi attivita ta' xoghol fuq il-progett, kopja ta' l-avviz bil-quddiem ghandha tkun esposta b'mod car fuq is-sit ta' kostruzzjoni u jekk hemm bzonn, din ghandha tkun aggornata perjodikament. Meta l-kundizzjonijiet imsemmija fir-Regolament 4 (1) ma javverawx ruhhom, il-Project Manager huwa fid-dmir li jzomm files dwar is-Sahha u Sigurta u kull informazzjoni ohra rilevanti dwar is-Sahha u Sigurta u jqieghdhom ghad-dispozizzjoni ta' kull min irid jispezzjona din l-informazzjoni. Jekk l-appellant dehrlu li l-progett kien se jdum anqas minn 500 gurnata xoghol ta' persuna sabiex jigi kompletat u disponibli ghall-abitazzjoni allura ma kellux ghalfejn jikkomunika avviz bil-quddiem u lanqas ma seta' jesponi kopja ta' l-avviz fuq is-sit ta' kostruzzjoni pero' l-files kellu jzommhom dejjem. Mhuwiex kontestat illi dawn il-files ma nzammux u wisq anqas saru ghad-dispozizzjoni ta' kullmin irid jispezzjonahom, quindi allura bir-ragun l-appellant kellu jinstab hati tat-tieni akkuza.

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragonevolment u legalment tasal ghall- konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghal dawn il-mottivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------